MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2325/1997/1

Feedstuffs Compound Co. Limited

Vs

Catimpex Limited u Charles Micallef

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' April, 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' attrici hija s-sid tal-fond 5, Valletta Road, Luqa liema fond huwa sottopost ghall-fond 4, Valletta Road, Luqa proprjeta' ats-socjeta' konvenuta Catimpex Limited liema fond kien, ghal zmien twil, fil-pussess tal-konvenut l-iehor Charles Micallef; illi tul is-snin b'rizultat ta' nuqqas ta' menutenzjoni tal-fond 4, Valletta Road, Luqa u b'risultat ta' traskuragini tal-konvenuti jew min minnhom gew kagunati danni fil-proprjeta' 5 Valletta Road, Luqa; illi ghalkemm debitament interpellati biex jiehdu passi immedjati sabiex ma ssirx aktar hsara fil-fond proprjeta' tas-socjeta' attrici u sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni kagunati lis-socjeta'

attrici, l-konvenuti baqghu inadempjenti u ma ghamlu xejn; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuti flimkien jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kagunati fil-fond 5, Valletta Road, Luqa;
2. tillikwida d-danni kagunati kif fuq spjegat anke bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew flimkien jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati;
4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmlu dak ix-xoghol necessarju taht id-direzzjoni ta' Perit nominat sabiex ma ssirx iktar hsara fil-fond tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat ta' Settembru 1994 u tal-ittri bonarji tal-14 ta' Mejju 1996 u tal-31 ta' Ottubru 1994 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut Charles Micallef presentata fil-21 ta' Novembru 1997 li permezz taghha eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu u ghalhekk gahndhom jigu michuda bl-ispejjes u l-eccipjent jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-eccipjent qatt ma kien responsabbli ghall-manutenzjoni tal-fond numru 4 Valletta Road, Luqa suggett ta' din il-kawza u ghalhekk ma jisa' jkollu ebda responsabbilita' legali ghal xi allegati hsarat fil-fond sucitat.
2. Illi sabiex jezimi ruhu minn kwalsiasi responsabbilita' fil-konfront tas-socjeta' attrici ddepozita c-cavetta tal-fond in kwistjoni fir-registru ta' din il-Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Micallef.

Rat in-nota tas-socjeta' Catimpex Limited presentata fl-1 ta' Dicembru 1997 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-allegati danni.
2. Illi konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront taghha.
3. Illi jsegwi li hi ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont jew li taghmel xi xogholijiet.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 1997 li permezz tieghu gie mahtur bhala espert tekniku l-AIC Rene Buttigieg. Rat ukoll id-digriet taghha tat-3 ta' April 1998 meta gie mahtur Dr. Tonio Mallia biex jassisti lill-perit tekniku.

Rat ir-rapporti tal-periti mahulfa fl-udjenza tatl-20 ta' Marzu 1992.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

Hadet konjizzjoni tan-noti ppresentati.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenut li l-fond tas-socjeta' attrici sofra danni konsiderevoli meta sfronda s-saqaf tal-fond sovrastanti tas-socjeta' konvenuta minhabba perkolazzjoni ta' ilma u konsegwenti ghal xi hruq fil-fond sovrastanti. Il-perit tekniku waqt access li inzamm fuq il-fond fit-23 ta' Novembru, 2001 kkonstata din il-hsara li giet dettaljatament elenkata fil-pagni 17 u 18 tar-rapport tieghu (fol 66 u 67 tal-process). A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel taghha din id-deskrizzjoni li twassal ghall-konkluzzjoni finali tal-istess perit tekniku l-AIC Rene Buttigieg dwar ix-xogholijiet rimedjali u l-ispiza mehtiga. Dan effettivament jghid hekk:

"*Illi l-esponent huwa tal-opinjoni illi sabiex jitwaqqghu s-soqfa taz-zewgt ikmamar fil-pjan terren, jigu rrangati il-parti ta' fuq ta' l-istess hitan, ghall-hsara rizultanti mit-tnehhija tas-saqaf bit-travi tieghu u dawk pastas li qed jissorregguhom, jimbnew soqfa godda, preferibilment tal-prestressed, isir kontrabejt u membrane fuqu, u jsir xoghol ta' tikhil u tibjid mal-hitan, kif ukoll jitnehhew it-travi pastas li ghad hemm fis-sular sovrastanti u jigu rrangati, fil-parti ta' fuq taghhom, il-hitan f'dan is-sular, tkun tehtieg spiza ta' tlitt elef u tlitt mitt lira maltija (LM3,300) oltre ghall-LM495 hlas ta' VAT, b'total ta' LM3795.00).*" L-gharef perit izda jkompli jghid li: "*Din l-istima qed tikkunsidra li l-kmamar fl-ewwel sular jibqghu bla saqaf. Fil-kaz li s-soqfa ta' dawn iz-zewgt ikmamar jimbnew, l-ispiza ta' LM3795 tonqos ghal LM3105.*"

Dwar l-konkluzzjoni tal-perizja teknika kif ukoll l-istess stima ppreparata mill-perit, ma sar ebda kumment mill-partijiet, la favur u lanqas kontra. Din il-Qorti ghalhekk ma tezitax li tadotta fl-intier taghha salv li din il-Qorti ma tistax, fil-parti dispositiva, tipproponi alternattivi jew tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jibnu s-saqaf u dana billi fl-ewwel lok dan ma jifformax mertu tal-kawza presenti u fit-tieni lok ma tistax tordna lis-socjeta' konvenuta terga tibni l-fond taghha anke jekk hemm bzonn bil-partecipazzjoni tal-konvenut Charles Micallef, billi dan huwa dritt tas-socjeta' konvenuta u sta ghax-xelta taghha li tibni jew ma tibnix s-saqaf. Din il-Qorti ghalhekk sejra, ghal fini tal-likwidazzjoni tad-danni u eventwali kundanna hlas a termini tat-tieni u tlielet talbiet attrici, tadotta l-ewwel stima tal-perit tal-Qorti fl-ammont ta' LM3795.00.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kwistjoni vera li giet indirizzata b'mod erudit mill-perit legali, izda kritikata mill-konvenut Micallef fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, hija dik dwar ir-responsabbilita' ghal dak li gara. Cioe jekk ghandux jirrispondi l-konvenut Micallef, jekk ghandhiex taghmel tajjeb ghal hsara s-socjeta' konvenuta, jew jekk, kif ikkonkluda l-perit legali, din ir-responsabilita' ghandha tigi spartita ugwalment fuq

iz-zewg konvenuti li pero' fil-konfront tal-attur jibqghu responsabbli '*in solidum*'.

Il-konvenut Micallef fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu qed jghid li l-perit legali ma ezaminax il-kwistjoni tan-natura guridika tar-relazzjoni bejn l-attur u z-zewg konvenuti u jekk r-responsabbilita' kienetx kontrattwali jew delittwali. Jikkritika wkoll l-fehma tal-perit dwar is-solidarjeta' bejn il-konvenuti u l-attur.

L-artikolu 1041 tal-Kodici Civili jiddisponi espressament li "*Is-sid ta' bini jwiegeb ghal hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minhabba xi difett fix-xoghol tal-bini, izda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu raguni jahseb li dak id-difett kien jezisti.*" Dan l-artikolu tal-Kodici Civili jistabilixxi, b'mod succint u preciz, l-posizzjoni legali ta' sid fond vis-à-vis terzi danneggati bit-tigrif ta' dak il-fond. Ir-responsabbilita' li tohrog minn dan l-artikolu ma ghandha x'taqsam xejn ma relazzjonijiet kuntrattwali bejn sidien ta' fondi differnti, kif qed jissugerixxi d-difensur tal-konvenut Micallef. In fatti l-istess kliem tal-ligi jimponu obbligu ta' risarciment ta' danni mhux biss minhabba l-fatt tat-tigrif, izda, u aktar importanti, li dak it-tigrif sehh bhala rizultat ta' negligenza jew nuqqas da parti ta' sid il-fond li jaghmel tajjeb ghad-difetti li huwa kien jaf, jew kien mistenni li jkun jaf li jezistu. Ghalhekk kien korrett l-Perit Legali li wara li enuncja l-principju li sid il-fond huwa responsabbli vis-à-vis l-attur stante li rrizulta difetti jew nuqqas ta' manutenzjoni. B'dana kollu l-istess perit ghamel sew li dahal fil-kwistjoni ta' l-apporzjonament ta' dawn id-danni fir-relazzjonijiet interni ta' bejn il-konvenuti u dana billi mill-atti rrizulta li kien hemm nuqqasijiet taz-zewg konvenuti.

L-artikolu relevanti li fuqu jidher li mexa l-perit legali huwa l-artikolu 1050 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jipprospetta s-sitwazzjoni meta l-Qorti tista' tqassam fuq kull wiehed mill-partijiet involuti is-somma mehtiega ghall-hlas tal-hsara, "*f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skond ic-cirkosatanzi.*" Dan l-apporzjonament izda isir bla pregudizzju lill-parti danneggata, anke meta il-persuni involuti "*ma jkunux imxew dolozament*" li "*jitlob il-hlas tas-somma kollha*

*minghand kull min irid minnhom*" billi l-istess artikolu jipprovdi li dawn, cioe l-persuni responsabbli fil-konfront ta' l-attur "*ghandhom ilkoll jigu kkundannati in solidum.*"

Dan premess din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-gharef Perit Legali (illum elevat ghall-gudikatura), kif ukoll tal-kosiderazzjoni ta' fatt li gew rilevati mill-istess perit legali, taqbel pienament mal-konkluzzjoni raggunta mill-istess perit fis-sens li fir-rigward tar-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti r-responsabbilita' ghall-akkadut u d-danni rizultanti ghandha tigi apporzjonata f'ishma ndaqs bejniethom. Izda li fil-konfront tal-attur dik ir-responsabbilita' tibqa' solidali.

Ghar-raginijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddikjara fl-ewwel lok li z-zewg konvenuti huma responsabbli ugwalment u flimkien ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici fil-fond taghha 5, Valletta Road, Luqa; tillikwida dawn l-istess danni fis-somma komplessiva ta' tlitt elef sebgha mija hamsa u disghin lira maltin (LM3795); tikkundanna lill-konvenuti solidalment jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata ta' tlitt elef seba' mija u hamsa u disghin lira maltin (LM3795) bl-imghax legali li jiddekorri mil-lum; tilqa wkoll ir-raba' talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta' Catimpex Limited bhala sid l-fond 4, Valletta Road, Luqa sabiex a spejjes taghha u taht is-sorveljanza tal-AIC Rene Buttigieg, li qed jigi mahtur appositament b'din is-sentenza, taghmel x-xogholijiet rimedjali fil-fond sovrastanti dak tas-socjeta' attrici u cioe fil-fond 4, Valletta Road, Luqa propjeta' tas-socjeta' konvenuta u dana fi zmien tlett xhur mid-data li jitlestew x-xogholijiet fil-fond tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut nofs kull wiehed.

Onor Imhallef Albert J. Magri